MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-19 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 1055/2010

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

***kontra***

**L-Avukat Dr. Henry Antoncich LL.D. u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil li b'digriet tal-24 ta' Novembru 2010 gew nominati bhala Kuraturi ghall-assenti Robert Carlsson (K.I. 45097A)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-18 ta` Ottubru 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi l-kumpannija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta` Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha ;*

*2. Illi l-konvenut hu wiehed mill-klijenti tal-kumpanija attrici u hu cittadin Svediz ;*

*3. Illi l-konvenut stabbilixxa ruhu f'Malta ghax kien beda jahdem f'Malta bhala broker ma` kumpannija lokali, Panlegis (Malta) Ltd. ta` 137, Spinola Road, St. Julian's ;*

*4. Illi l-konvenut iddecieda li jakkwista proprjeta` mmobbli f'Malta u precizament Carob Flats, Nru. 13, Upper Ross Street, St. Julian's, sabiex isservi bhala r-residenza tieghu ;*

*5. Illi sabiex jakkwista u sussegwentement jirranga din il-proprjeta`, il-kumpannija attrici kkoncediet diversi facilitajiet ta` self lill-konvenut ;*

*6. Illi skond kif jirrizulta mis-Sanction Letter datata 14 ta` Ottubru 2009, hawn annessa u mmarkata Dok. 'A', dawn il-facilitajiet jikkonsistu fis-segwenti:*

- *House Loan (I) – mitejn u ghaxart elef, tmien mija u dsatax-il Euro (€210,819),*
- *House Loan (II) – sebat elef Euro (€7,000), u*
- *Personal Loan – sitta u ghoxrin elf u tlett mitt Euro (<u>€26,300</u>) ;*

*7. Illi fl-istess Sanction Letter intlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar kif il-konvenut kellu jhallas lura dawn l-ammonti lill-kumpannija attrici izda minkejja dan il-ftehim, l-imsemmi konvenut ilu ma jaghmel pagamenti lill-kumpannija attrici sa minn Jannar tas-sena 2010 ;*

*8. Illi l-kumpannija attrici hi nfurmata li l-impieg tal-konvenut fuq referut gie terminat u li l-istess konvenut telaq minn Malta u rega` lura pajjizu, ossia l-iSvezja ;*

*9. Illi inoltre, jirrizulta li l-konvenut ma uzax il-flus mislufa lilu mill-kumpannija attrici ghal dawk l-iskopijiet maqbula fl-imsemmija Sanction Letter*

*10. Illi ghalhekk, ai termini tas-Sanction Letter, sehhew wahda jew aktar mill-events of default, partikolarment, izda mhux esklussivament :*

*a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*
*b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*
*k) In the opinion of the Bank, a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs,*
*n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility;*

*11. Illi sal-10 ta` Awissu 2010, il-kumpannija attrici hi kreditrici ta` l-konvenut fis-segwenti ammonti bl-imghax inkluz :*

- *<u>House</u> Loan (i) (Kont bin-numru 3996971001) – mitejn u sittax-il elf, mitejn u hamsa u sebghin Euro u seba` centezmi (€216,275.07) (ara l-istatement tal-bank hawn anness u markat Dok. 'D'),*
- *House Loan (ii) (Kont bin-numru 3996971002) – sebat elef, mija u wiehed u tmenin Euro u sbatax-il*

*centezmu (€7,181.17) (ara l-istatement tal-bank hawn anness u markat Dok. 'E'), u*

- *Personal Loan (Kont bin-numru 3996971003) – sitta u ghoxrin elf, hames mija tmienja u tletin Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€26,538.26) (ara statement tal-bank hawn anness u markat Dok.'F');*

*12. Illi minbarra l-ammonti msemmija hawn fuq, sal-10 ta` Awissu 2010, il-kumpannija attrici hi wkoll kreditrici fis-segwenti ammonti bl-imghax inkluz :*

- *Elfejn, mitejn u disgha u ghoxrin Euro u tlieta u tletin centezmu (€2,229.33) dovuti fuq il-Kont Kurrenti bin-numru 39969 10 001 (ara l-istatement tal-bank hawn anness u markat Dok. 'G'), u*
- *Elf, mija u erbgha u erbghin Euro u disgha u disghin centezmu (€1,144.99) dovuti fuq il-Credit Card bin-numru 4196796000017250 (ara statement tal-bank hawn anness u markat Dok. 'H');*

*13. Illi ghalhekk, sal-10 ta` Awissu 2010 l-ammont komplessiv dovut mill-konvenut lill-kumpannija attrici hu dak ta` mitejn, tlieta u hamsin elf tlett mija u tmienja u sittin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€253,368.82) u dan oltre l-imghax bl-oghla rata permessa mil-Ligi mid-data msemmija sad-data tal-hlas effettiv ;*

*14. Illi l-kumpannija attrici kkawtelat l-interessi taghha billi mblokkat il-facilitajiet kollha li l-konvenut ghandu maghha ;*

*15. Illi minkejja dan il-konvenut qed ikompli jaghmel uzu mill-Credit Card hawn fuq imsemmija u konsegwentement qed jakkumula d-dejn tieghu mal-kumpannija attrici ;*

*16. Illi l-uzu tal-Credit Card baqa` possibbli l-ghaliex nonostante li tigi mblukkata, Credit Card tista` tibqa` tigi uzata fir-rigward ta` ammonti limitati u minn postijiet determinati ;*

*17. Illi d-dettalji dwar l-uzu li sar u ghadu qed isir minn din il-Credit Card jidher fi skeda li ghandha l-kumpannija attrici (ara Dok. 'G' u Dok. 'H' imsemmija aktar 'l fuq) ;*

*18. Illi minn din l-istess skeda, jidher li l-uzu tal-Credit Card qed isir minn gewwa l-Isvezja u dan hu wkoll indikattiv tal-fatt li l-konvenut telaq minn Malta u*

*19. Illi minkejja li gie nterpellat diversi drabi mill-kumpannija attrici sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu, inkluz permezz ta' ittra legali datata 5 ta` Mejju 2010 u ittra ufficcjali datata 3 ta` Gunju 2010, hawn annessi u markati Dok. 'B' u Dok. 'C', il-konvenut baqa` inadempjenti ;*

*20. Illi l-imsemmi kreditu tal-kumpannija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici ;*

*21. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta` l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, il-kumpannija attrici titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*1. Taqta` u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta` l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-kumpannija attrici fis-somma ta` mitejn, tlieta u hamsin elf tlett mija u tmienja u sittin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€253,368.82) ;*

*3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpannija attrici l-ammont komplessiv ta' mitejn, tlieta u hamsin elf tlett mija u tmienja u sittin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€253,368.82).*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk ta` l-ittra legali datata 5 ta` Mejju 2010 u l-ittra ufficcjali datata 3 ta` Gunju 2010 u bl-imghax legali bl-oghola rata permessa mil-Ligi mill-10 ta` Awissu, 2010, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront tal-istess konvenut.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-24 ta` Novembru 2010 fejn hatret lill-Avukat Dottor Henry Antoncich u lill-P.L. Jean Pierre Busuttil bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Robert Carlsson ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi (fol 29).

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati prezentata fis-7 ta` Frar 2011 li taqra hekk –

*1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw ir-risposta ulterjuri taghhom meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentata.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kuraturi deputati.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta` Frar 2011 fejn ipprovdiet li l-kawza ma setghetx tinstema` bil-procedura sommarja kif ighidu l-Art.167 et seq tal-Kap.12 billi ma kienux aktar veljanti t-termini stabbiliti mil-ligi.

Rat in-nota tal-kuraturi deputati prezentata fl-1 ta` Marzu 2011 fejn iddikjaraw li ma kienx irnexxielhom jikkomunikaw mal-konvenut Robert Carlsson.

Qieset il-provi tal-partijiet - kemm dawk li saru permezz tar-rikors guramentat kif ukoll permezz tar-risposta guramentata – kif ukoll dawk li tressqu waqt l-udjenza tal-10 ta` Marzu 2011 b`mod partikolari x-xhieda ta` Patrick Bonello.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-10 ta` Marzu 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta` ostakolu.

Rat li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex l-kawza tigi deciza llum.

Tghid li l-provi orali u dokumentarji li ressaq il-bank attur kienu konfermati bil-gurament u ma gewx kontradetti.

Tghid li wara analizi bir-reqqa li ghamlet tal-kumpless tal-provi akkwiziti, din il-Qorti tghid minghajr l-icken esitazzjoni li l-bank attur lahaq il-grad ta` prova rikjest mil-ligi in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu. Ghalhekk dak mitlub mill-bank attur jirrizulta sodisfacjentement ippruvat.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tiddikjara li l-assenti Robert Carlsson (K.I. 45097A) huwa debitur tal-kumpannija attrici fis-somma ta` mitejn, tlieta u hamsin elf tlett mija u tmienja u sittin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€253,368.82) ;**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tikkundanna lill-Avukat Dr. Henry Antoncich u lill-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil unikament bhala kuraturi deputati mahtura sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Robert Carlsson (K.I. 45097A) sabiex ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta` mitejn, tlieta u hamsin elf tlett mija u tmienja u sittin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€253,368.82), bl-imghax legali kif mitlub.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, kollox inkluz u xejn eskluz, jithallsu unikament mill-assenti Robert Carlsson (K.I. 45097A), komprizi l-ispejjez ta` l-ittra legali tal-5 ta` Mejju 2010 u l-ispejjez ta` l-ittra ufficjali tat-3 ta` Gunju 2010.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------